MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1164/1998/1

**Mark Cardona**

**vs**

**Sarah Cardona**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg taghhom fil-25 ta’ Novembru 1987 (Dok. A) fir-Registru Pubbliku ta’ Walthan Forest, Londra;

Premess illi dan iz-zwieg huwa null billi l-kunsens tal-partijiet jew wahda minnhom kien vizzjat b’difett serju tad-

diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, fuq id-drittijiet u doveri essenzjali taghha;

Premess illi dan iz-zwieg huwa null billi l-kunsens tal-partijiet jew ta' wiehed minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' xi element essenzjali tal-hajja matrimonjali;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Novembru 1987 null ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenuta, ghalkemm debitament notifikata a tenur tad-digriet tas-17 ta' Gunju 1999, baqghet ma pprezentatx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Settembru 1999 li permezz tieghu giet nominata Dr. Lorraine Schembri Orland bhala perit legali biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat id-digriet tad-29 ta' Mejju 2000 li permezz tieghu gie revokat l-inkarigu moghti l-imsemmija perti legali u dan wara li l-istess perit legali pprezentat nota li fiha rrilevat li hi kienet ghal xi zmien tippatrocinja lill-konvenuta u ghalhekk talbet li fic-cirkostanzi ma tkomplix fl-inkarigu lilha moghti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

It-talba attrici hi diretta ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni li z-zwieg tieghu mal-konvenuta, celebrat f'Londra fil-25 ta' Novembru 1987, jisthoqqlu jigi annullat ghal motivi stabbiliti mill-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255;

Dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi jipprecizaw illi zwieg jista' jigi kolpit b'nullita jekk:-

"(d) il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjai taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

"(f) il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.";

Il-ftit provi migjuba ill-attur biss, gjaladarba l-konvenuta baqghet kontumaci, qed jigu hawn rikapitolati:-

I. Il-kontendenti zzewgu fir-Registru Pubbliku ta' Waltham Forest, Londra, fil-25 ta' Novembru 1987. Tfal ma kellhomx;

II. L-attur jghid li ghadda ghaz-zwieg ghax xtaq jibqa' l-Ingilterra u l-visa li kellu ghal sitt xhur kienet waslet biex tiskadi. Iz-zwieg fil-fatt gie celebrat erba' xhur u nofs fuq li kien tela' Londra;

III. Jirrizulta li l-konvenuta kien gja kellha zewgt itfal minn irgiel differenti qabel iz-zwieg;

IV. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta kienet tipprostitwixxi ruhha u kienet tiehu d-droga: cannabis u coke. Minn dak

mistqarr minn Alexander Cardona, hu l-attur, li ghamel xi perjodu jghix maghhom Londra, minn qabel it-tieg kien saput li l-mara ta' huh kient tikkonsma d-droga. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 75;

V. Iz-zwieg gie celebrat bla ebda preparattivi ta' xejn;

VI. Konfrontat bil-qaghda ta' martu - prostituzzjoni, drogi u djun - l-attur iddecieda li jirritorna lura Malta. Dan wara cirka seba' gimghat fuq it-tieg. Minn dakinhar ma kellu l-ebda kuntatt iehor ma' martu;

VII. Gie trapelat ukoll mill-attur (fol. 21), u minn Stephen Falzon, Principal fid-Dipartiment tac-Cittadinanza (fol. 73), illi l-konvenuta kienet vjolenti u kienet imfittxija mill-awtoritajiet Inglizi dwar abbuz fuq it-tarbija li kellha minn ragel barrani qabel iz-zwieg;

VIII. Fl-1998 l-attur inizja proceduri ta' separazzjoni konkjuzi bil-gudikat moghti fl-24 ta' Mejju 2000 fil-kawza fl-istess ismijiet;

IX. Permezz ta' din is-sentenza l-konvenuta kienet instabet fi htija ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg minhabba adulterju, dizerzjoni, eccessi, sevizzi, ingurji gravi nkompatibilita` ta' karattru;

Huwa car minn dan il-kwadru tal-fatti illi l-kontendenti la kellhom gharfien estimattiv, la gharfien evalwattiv u lanqas fakolta psikologika hielsa, meta taw il-kunsens lil xulxin, dwar in-natura u l-obbjett taz-zwieg. Alexander Cardona li assista ghac-cerimonja nuzjali, iddeskriva l-qaghda ta' huh b'dan il-kliem: "Hija kien qisu indifferenti u pupu taghha." Martu, minn naha taghha, kienet dakinhar taht l-influwenza tad-drogi u "waqt ic-cerimonja bdiet taghti bis-sieq lill-attur biex jizzewwigha." (fol. 76);

Dan kollu, maghdud il-provi l-ohra, jirrifletti inkapacita` li tirrizulta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u obbligi tal-hajja mizzewga. Difett serju li konsiderati c-cirkostanzi tal-kaz iwassal ghall-annullament taz-zwieg minhabba li jimpingi fuq il-kunsens liberu. Fost

il-fatturi delinejati mill-awturi fuq is-suggett hemm dawk tat-tehid tad-drogi u x-xorb alkoholikul, l-assenza ta' deliberazzjoni libera, percezzjoni inadegwata ta' l-oggett tal-kunsens, deficjenzi tal-liberta` interna u ohrajn konkomitanti ghalihom;

Fil-kaz in ezami tezisti certament il-presenza ta' uhud minn dawn il-fatturi fiz-zewg kontendenti.  Dan hu hekk manifest mis-senjalazzjonijiet li jaghti l-imsemmi xhud Alexander Cardona;

Jirrizulta inoltre illi l-attur dahal ghal dan iz-zwieg impreparat bl-iskop uniku li z-zwieg jaghtih is-sigurta` li jkun jista' jibqa' fl-Ingilterra fejn xtaq joqghod;

Hekk hu bil-wisq evidenti illi ma dahalx ghaz-zwieg bl-iskop li johloq komunjoni u ghaqda ta' hajja flimkien ma' martu u li jqatta' l-kumplament ta' hajtu mal-konvenuta. Mhux ta' b'xejn illi wara biss ftit gimghat taz-zwieg hu ddecieda li jabbandunaha u jirritorna lura pajjizu, wara li l-konvenuta xtratlu l-biljett ta' l-ajru;

Dan ighodd ukoll ghall-konvenuta billi hi qatt ma kellha l-hsieb genwin li taghti lil zewgha t-totalita` taghha nnifisha. Difatti wara z-zwieg issoktat tipprostitwixxi ruhha, fatt dan li jidher li hbietu wkoll mill-attur ("**J. Mifsud -vs- M. F. Mifsud**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 2001);

Attizi dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi altru milli konvinta illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien wiehed finta, skarn mill-elementi bazici tieghu, u ghalhekk meritevoli ta' l-ilqugh tat-talba biex jigi dikjarat null.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attur u b'hekk tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontentendi celebrat fil-25 ta' Novembru 1987 huwa null u bla effett ghal ragunijiet dedotti fis-subinciz (d) u (f) ghall-Artikolu 19(1) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255).

Tenut rigward ta' l-aspetti kollha rilevanti f'dan il-kaz, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------